**Konferenza Nazzjonali: Is-Shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea: 5 snin wara**
**20 ta' Mejju 2009**
**Corinthia San Gorg, San Giljan**

**Il-Kummerċ, l-Investiment Barrani u l-Internazzjonalizzazzjoni: Opportunitajiet u Oriżżonti Ġodda wara s-Sħubija**

Onor Seg. Parl
Eccellenzi, Sinjuri,

F' Mejju tal-2004, kif tafu Malta w Ċipru flimkien ma' tmin pajjżi miċ-ċentru u l-Lvant tal-Ewropa issieħbu fl-Unjoni Ewropea (UE). Id-dħul ta' dawn "l-iStati membri ġodda" kien l-akbar tkabbir fl-UE f'termini ta' popolazzjoni u spazju (b'19 fil-mija u 22 fil-mija rispettivament), għalkemm kienet żieda relattivament iżgħar fejn tidħol attività ekonomika (madwar 9 fil-mija).

Ta' min niftakru li l-UE, issa hija l-akbar żona ekonomika dinjija b'popolazzjoni ta' 500 miljun persuna u li tiggenera 'l fuq minn 30 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku dinji (PGD) u 'l fuq minn 17 fil-mija tal-kummerċ dinji. Aktar minn hekk, il-kummerċ bejn il-membri qodma u dawk ġodda żdied bi tliet darbiet f'anqas minn 10 snin (minn €175 biljun fl-1999 għal madwar €500 biljun fl-2007). Impressjonanti aktar huwa it-tkabbir b'ħames darbiet iżjed fil-kummerċ bejn il-membri ġodda, minn anqas minn €15 għal €77 biljun fl-istess perjodu.

Fl-2007, l-Investiment Barrani mis-27 pajjiż membru tal-UE f'pajjiżi mhux membri żdied b'53 fil-mija minn 275 biljun Ewro fl-2006 għal 420 biljun ewro fl-2007, filwaqt li l-Investiment Barrani fis-27 pajjiż membru tal-UE mill-bqija tad-dinja żdied b'89 fil-mija, minn 169 biljun ewro għal 319 biljun ewro. Fl-2007 biss, l-Investiment Barrani fi ħdan is-27 membru tal-UE żdied bi 13 fil-mija meta mqabbel mal-2006. F'Malta, l-investiment barrani zdiet minn-medja ta' 56 fil-mija fil-perjodu 2001-2004 ghal 93% fit-tlett snin ta' bejn l-2005-2007. Tajjeb li nzommu dan f'perspettiva, l-aktar minħabba iż-żminijiet diffiċli li għaddejjin minnhom bħalissa.

L-ewwel mistoqsija mportanti li tqum f'din l-okkażjoni hi: Malta rnexxielha takkwista l-massimu mis-sħubija u tiehu l-opportunitajiet kollha li kellha biex tħalli l-marka tagħha? Setgħet Malta

tagħmel iżjed biex tħalli l-marka tagħha fl-UE? L-operaturi ekonomiċi tagħna irnexxielhom jimmassimizzaw l-opportunitajiet li ġew b'riżultat ta' sħubija fl-UE? Dawk direttament interessati, kienu kkonsultati kif suppost? Hames snin wara, jeħtieġ insaqsu lilna nfusna x'kien jiġri li kieku Malta ma' daħlitx fl-UE. Din il-mistoqsija trid tkun magħmula wkoll minn dawk li jaħsbu li fuq skala ġenerali is-sħubija fl-UE ma kinitx ta' benefiċċju. Fl-istess ħin, dawk kollha li kienu jaħsbu li Unjoni Ewropeja kienet ser tkun għalina ġenna ta' l-art u s-soluzzjoni għal problemi ekonomici tagħna ġew diżappuntati għax is-success fl-UE, kif rajna dawn l-aħħar snin ma jiġix waħdu. Ħames snin wara huwa zmien tajjeb biex nirriflettu hekk kif l-entuzjazmu tal-bidu issa beda jmajna u l-effetti tas-sħubija bdew jinħassu b'mod aktar rejali.

B'mod ġenerali, wieħed jista' jgħid Malta għamlet is-somom tagħha sew qabel is-sħubija u daħlet fl-UE ppreparata tajjeb. Matul il-proċess ta' qabel is-sħubija l-istabbilita' makro-ekonomika, it-tibdiliet istituzzjonali, il-konverġenza regolatorja, it-titjib fit-tmexxija, l-integrazzjoni tal-kummerċ u l-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital servew sabiex ħafna benefiċċji kienu diġa' jidhru qabel 2004/2008. Jien naħseb li lkoll naqblu li s-sħubija fl-UE tat l-istimolu meħtieġ biex naġġornaw il-liġijiet u r-reġolamenti tagħna. Bla dubju, il-proċess biex il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti nġibuhom konformi w jaqblu mal-Acquis Communitaire tal-UE ta lil Malta bażi soda fuq xiex tmexxi n-negozju u tiffaċilita' iżjed dħul ta' investiment fil-gżira. Bħala Stat membru tal-UE, issa għandna iżjed sahha fejn jidħlu materji ta' politka kummerċjali internazzjonali. Madankollu fejn jidħol l-investiment barrani l-UE ghadha m'għandiex politika komuni għall-investiment.

Huwa fatt li il-liberalizazzjoni tal-kummerċ ġabet opportunitajiet ġodda kif ukoll tehdida lill-kumpaniji lokali minn kompetizzjoni ta' l-istess prodotti mill-UE u mis-swieq internazzjonali. Il-forzi tal-globalizazzjoni komplew iżidu l-kompetizzjoni fuq l-intrapriżi żgħar u medji. Din mbuttat l-intrapriżi mhux biss biex itejbu l-istrateġija lokali imma kulma jmur gegħlet aktar kumpaniji jfittxu swieq barranin. L-*issue* tal-kompetittività f'daqqa waħda saret element kruċjali għal negozji Maltin li jipproducu ghas-suq lokali ghax dawn issa kellhom jikkompetu ma' prodotti mportati irhas, bla dazju u bla levies.

Aħna nafu li l-kompetizzjoni ġġiegħel biex dak li jkun iwessa' l-ħiliet innovattivi tiegħu u peress li ftaħna s-swieq tagħna, matul dawn l-aħħar ħames snin assistejna għal titjib fil-prodotti u s-servizzi. L-etika tax-xogħol kif ukoll l-attitudni tagħna fuq il-post tax-xogħol inbidlet ukoll. Il-wasla ta' prodotti ndustrijali u prodotti agrikoli pproċessati bla dazju minn stati membri (free movement of goods) kienet il-forza ewlenija li mbuttat l-industriji Maltin orjentati għas-suq lokali, speċjalment l-industrija tal-agrikoltura u l-ikel u dawk l-industrji kollha li l-prodotti tagħhom kienu protetti minn *levies*, biex jgħollu l-kwalità, jirristrutturaw u possibilment jesportaw.

Il-konsumatur Malti rrealizza li s-sħubija fl-UE tirriżulta fi trahhis fil-prezz ta'prodotti importati kemm mill-Komunità kif ukoll minn pajjiżi mhux membri tal-UE. It-tariffa doganali li l-UE tadotta fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tammonta biss għal medja ta' 3 fil-mija. Fil-fatt, ir-rata sħiħa ta' dazju hija intaxxata biss fuq prodotti mportati minn disa' pajjiżi: l-Awstralja, il-Kanada, It-Tajwan, Hong-Kong, il-Ġappun. il-Korea t'Isfel, New Zealand, Singapore u l-Istati Uniti peress li mal-pajjiżi l-oħra kollha l-UE nnegozjat rati ta' dazju bla tariffi preferenzjali taħt l-imsejħa *Generalised Scheme of Preferences* (GSP) u diversi Ftehim ta' Kummerċ Ħieles. Fil-fatt aħna nafu li dawk li jimmanifatturaw l-għamara mexxew 'il quddiem it-tnehhija ta' dazju u *levies* fuq il-prodotti tagħhom biex iwaqqfu l-konsumaturi milli jżommu lura milli jixtru, ghax il-konsumaturi kienu qed jistennew li Malta tidhol fl-UE u imbagħad jkunu jistghu jixtru bi prezz orħos.

Ukoll, wara s-sħubija fl-UE, il-liberalizzazzjoni tal-importazzjoni spustat ruħha lil hinn mill-importaturi esklussivi u għalkemm dan fl-aħħar mill-aħħar kien għall-benefiċċju tal-konsumatur u konformi mal-prinċipji ta' suq wieħed, ma nistgħux niċħdu l-fatt li fil-proċess ħafna negozjanti żgħar spiċċaw jingħataw il-ġenb. L-istess ġara fil-proċess ta' tisħiħ tas-settur tal-ħwienet għad-detriment ta' ħafna sidien ta' ħwienet żgħar. Kien ċar li dawn in-negozji kellhom bżonn l-għajnuna, kemm teknika kif ukoll finanzjarja biex jirristrutturaw. F'dan il-kuntest, xi kumpaniji bbenefikaw direttament minn fondi li ngħataw mill-UE qabel is-sħubija bil-għan ta' ristrutturazzjoni (pre-accesion funds) u minn fondi Ewropew taħt il *-programming period* 2004-2006.

Is-sħubija fl-UE wriet biċ-ċar li l-politika ta' protezzjonizmu stabbilixxiet biss negozju li jħares 'il ġewwa meta li ridna tassew fis-suq iffullat u ċkejken tagħna kien tkabbir barra l-pajjiż, fi kliem

ieħor internazzjonalizzazzjoni. Tkabbir, fejn mhemmx lok għal min hu passiv, fejn il-kompetizzjoni hija ħarxa u fejn min hu kompetittiv biss isalva. Kull industrija ngranata għall-esportazzjoni taf xi jfisser tkun kompetittiv. Fil-fatt rajna diversi skossi jittieħdu speċjalment f'ċerti setturi u l-għeluq ta' entitajiet mhux kompetittivi. Madankollu ħafna kumpaniji oħrajn f'setturi differenti hadu l-okkażjoni u spiċċaw iżjed b'saħħithom u għamlu aktar profitt milli meta kienu f'ambjent iżjed protettiv.

Numru ta' setturi, speċjalment dak tal-għamara kellhom quddiemhom żewġ għażliet. Jew jirrazzjonalizzaw u fl-aħħar jispiċċaw jabbandunaw il-manifattura kompletament u jiddiversifikaw fil-qasam tal-importazzjoni u jsiru bejjiegħa jew inkella jieħdu orjentazzjoni strateġika li tassigura effiċjenza sħiħa fil-linja ta' prodotti speċifiċi u li tiggarantixxu li parti specifika tal-manifattura fin-negozju tkun salvata. Uħud għażlu li jagħqdu b'suċċess it-tnejn flimkien u qed jaħdmu bi sħiħ fis-suq lokali u jikkompetu barra f'niċeċ ta' swieq partikolari. Fl-aħħar mill-aħħar irnexxielna nuru lilna nfusna li anki f'ambjent kompetittiv nistgħu mhux biss insalvaw l-industrija Maltija imma wkoll insahhuha u ngibuha fuq bazi sostenibbli u nispecjalizzaw fi prodotti specifiċi u ta' kwalita għolja.

Għalkemm hemm numru ta' bidliet li setgħu saru rrispettivament mis-sħubija ta' Malta fl-UE, il-fatt li ħafna mill-bidliet ma sarux qabel ipoġġi dan l-argument f'dubju. Huwa fatt magħruf li klima kompetittiva tagħti dak l-istimolu miżjud biex wieħed jaġġorna ruħu u jkun imħejji sewwa qabel il-kompetizzjoni. F'dan is-sens huwa għalhekk diskutibbli jekk mingħajr dan l-istimolu, ir-riformi meħtieġa fl-industrija lokali kinux fil-fatt iseħħu. Filwaqt li hu d-dmir tal-gvern li jipprovdi ambjent trasparenti u regolatorju mħaddem tajjeb flimkien mal-provizzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa, l-għajnuna u servizzi ta' support, wieħed ma jridx jinsa' li fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabbilita' ewlenija biex tinkiseb il-kompettivita' u tiżdiet il-produttivita tinsab fin-negozji u fl-industrija tagħna stess. Naħseb li naqblu lkoll li din il-bidla ma kinitx tkun daqshekk kbira u effettiva mingħajr Malta fl-Unjoni Ewropea.

Ċertament, l-aktar avveniment importanti f'dawn l-aħħar ħames snin wara s-sħubija snin kien l - adozzjoni tal-munita Ewro f' Jannar tal-2008 li naqqset bil-kbir l-inċertezza fis-swieq tal-kambju u stimolat mhux ftit l-kummerċ u d-dħul ta' l-investiment akbar minn barra l-pajjiż. Aktar riċenti,

id-dħul ta' Malta fiż-żona Schengen f'Diċembru 2007 ġab miegħu ukoll benefiċċji ovvji mhux biss għaċ-ċittadin Malti medju imma b'mod partikolari għan-negozjanti. Id-distribuzzjoni tal-merkanzija fil-komunità saret eħfef u t-trasport fil-ħin sar possibbli minħabba t-tneħħija tal-kju fil-fruntieri tal-iStati membri.

Sinjuri, issa ejja nħarsu ftit lejn xi aspetti oħra tal-kummerċ barrani ta' Malta li kien mistenni fil-kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-UE. Bla dubju dan kollu jinfluenza, kemm direttament kif ukoll indirettament id-dhul ta' l-investiment barrani fil-gżira. L-ewwel nett is-sħubija fl-UE permezz tal-moviment hieles tal-prodotti fetħet it-triq għal suq wieħed Ewropew ta' aktar minn 500 miljun persuna. Hija mela ħaġa naturali li nistennew żieda fil-kummerċ mal-pajjiżi membri l-oħra.

Issa hawn jista' jkun li wieħed jargumenta li qabel is-sħubija t-termini u l-proviżjonijiet ta' dak li kien il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn Malta u l-UE diġa' kienu jaħsbu għal dħul bla dazju ta' prodotti oriġinati f'Malta fl-UE, u allura sħubija fl-UE qajla kienet tfisser wisq. Tajjeb pero li wieħed jgħid li qabel is-sħubija l-esportazzjoni industrijali lejn l-UE (jiġifieri dawk ikklassifikati taħt HS 25-96 tal-kodiċi HS) kellhom ikunu konformi mar-regoli ta' oriġini (*rules of origin*) li ħafna drabi kienu stretti ħafna. B'riżultat ta' dan, huwa stat ta' fatt li l-bejgħ ta' prodotti ndustrijali minn Malta lejn pajjiżi membri tal-UE ġie ffaċilitat immens minħabba t-tneħħija tar-regoli ta' oriġini. Dan il-fattur żgur li għen ukoll biex jagħmel lil Malta iżjed attrajenti għal investituri barranin u biex Malta issa tista' tkun użata bħala ċentru ta' distribuzzjoni fil-Mediterran. Dan huwa ta' benefiċċju kbir speċjalment għal manifatturi u distributuri Maltin u jgħin biex Malta sservi ta' hub għall-kummerċ bejn l-UE u l-Afrika ta' Fuq.

Prodotti li jgħaddu mill-fażi ta' *finishing* u *assembly* f'Malta wara s-sħubija ukoll ibbenefikaw minn aċċess dirett għas-suq wieħed. Dan kien inċentiv għall-investituri barranin biex jifthu f'Malta u bonus lil ċerti kumpaniji li l-proċess ta' manifattura tagħhom ma kienx jmur lil hinn dawn l-istadji qabel l-ishubija. Dawn ta' l-aħħar sabu suq ħieles ghal prodotti tagħhom, suq li qabel Mejju 2004 taħt il-Ftehim ta' l-Assocjazzjoni ma kienx possibli. Mas-sħubija l-esportazzjoni lejn pajjiżi membri kienet ukoll iffaċilitata fejn tidħol burokrazija u proċeduri tad-dwana. Il-proċeduri ssimplifikati tad-dwana permezz tat-twaqqif riċenti tal-*Authorised Economic*

*Operator Certification* u t-tnedija tas-*Single Payments Area* (SEPA) f'Jannar 2008 huma inizjattivi oħra maħsuba biex jagħmlu n-negozji fl-UE iżjed effiċjenti u kompetittivi.

L-UE żammet u għadha żżomm sal-ġurnata tal-lum dazji għolja u f'ċerti każi *levies* u dazji miżjuda fuq id-dqiq, iz-zokkor u fuq l-importazzjoni ta' prodotti agro-alimentari minn pajjiżi terzi. Fil-fatt qabel is-sħubija kważi l-prodotti tal-ikel kollha pproċessati f'Malta kienu eżentati minn trattament preferenzjali meta jidħlu fis-suq tal-UE u b'hekk il-kumpaniji Maltin f'dan is-settur agroalimentari kienu issibuha difficli hafna biex jesportaw il-prodotti taghhom lejn l-UE. L-istess, l-esportazzjoni tal-ħut lejn l-UE kien ikkontrollat b'tariffi għoljin u kwoti. Sħubija fl-UE biss setgħet tagħti dawn il-prodotti Maltin aċċess bla dazju w ħieles lejn is-suq tal-UE, hekk kif f'kull ftehim preferenzjali li l-UE innegozjat ma' pajjiżi terzi, l-aċċess għas-suq fi prodotti agro-alimentari għadu limitat u magħluq għal selezzjoni ta' ftit prodotti. L-esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel żdiedu mis-sħubija fl-UE bl-ammont jilħaq il-€35.1 miljun f'Diċembru 2008. L-esportazzjoni tal-ħut żdiedet ukoll minn €10 miljun fl-2005 għal €62.9 miljun fl-2008.

L-aċċess preferenzjali għall-ewwel darba ta' dawn il-prodotti Maltin fi swieq Ewropej ikkumpensa għat-tneħħija tal-*levies* fuq l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti fis-suq Malti wara s-sħubija. Fejn il-suq intern naqas minhabba il-liberalizazzjoni, kiber suq iehor Ewropew wisq akbar! Huwa minnu li fejn jidħlu ċerti setturi fosthom l-ipproċessar tal-ikel u l-vitikultura, progress konsiderevoli kien meħtieġ f'termini ta' investiment biex jiġu mmodernizzati l-impjanti u l-faċilitajiet biex ikun żgurat li l-prodott finali jilħaq il-livelli mistennija mill-konsumatur Ewropew u jkun jista' jikkompeti fis-suq aktar kompetitiv li toffri l-Unjoni Ewropea.

Wieħed hawn ma jistax ma jsemmix l-għajnuna finanzjarja moghtija mill-UE ghall-proċess ta' ristrutturazzjoni f'dawn is-setturi. It-titjieb ta' l-istandards u l-marka 'maghmulin fl-UE'- li hafna jqisu bhala l-akbar beneficcji tas-shubija - poggew lil diversi setturi fuq bazi soda u f'posizzjoni li jistghu jesportaw il'hinn minn xtutna. Madankollu, minkejja it-titjib fl-aċċess għas-suq u l-assistenza tal-UE fl-istrutturar, ma nistax ma nsemmiex li s-settur tal-ipproċessar tal-ikel baqa' responsabbli għal numru ta' telf ta' mpjiegi.

Immedjatament wara s-sħubija f'dak li għadu x'jaqsam ma' kummerċ ma' pajjiżi terzi Malta saret parti mill-ftehim kollha preferenzjali li l-UE innegozzjat ma' pajjiżi terzi. Qabel is-sħubija, l-esportazzjoni minn Malta ghal terzi pajjizi kienet ristretta minhabba li Malta qatt ma innegozzjat Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (Free Trade Agreements) ma' l-ebda pajjiz minbarra dak li kellha ma' l-UE. L-esportatur Malti kien ghalhekk zvantaggjat meta tikkomparah ma' l-esportatur Ewropew u allura ma setax jikkompeti fuq l-istess livell. Ta' mportanza partikolari għal Malta huma l-Ftehim kollu ta' Kummerċ Ħieles li l-UE nnegozjat mar-reġjun tal-Euromed – l-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Libanu, l-Awtorità Palestinjana, il-Ġordan, is-Sirja u t-Turkija. L-Unjoni Ewropeja għandha ukoll ftiehim ta' Kummerc ħieles man-Norvegja, l-Isvizzera, ic-Chili, l-Africa t'Isfel, il-Messiku u hafna pajjizi ohra. Dawn il-ftehim preferenzjali ġew kollha adottati minn Malta immedjatament hekk kif issiehbet fl-UE għal benefiċċju tal-esportaturi Maltin u ta' inċentiv għall-investitur barrani.

L-UE qiegħda wkoll tinnegozja Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj), kif ukoll bdiet taħditiet mal-*Gulf Cooperation Council* (il-Baħrejn, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, is-Sawdi Arabja u l-Emirati Arab Magħquda) bil-għan li jkunu konklużi Ftehim għall-Kummerċ Ħieles. Sadanittant għaddejjin ukoll taħditiet biex l-UE tinnegozja Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' diversi pajjiżi oħra fosthom l-Libja, l-Ukrajina, l-Indja, il-Korea t'Isfel u pajjiżi oħra mill-Assoċjazzjoni tal-Pajjizi Sud-orjentali Asjatiċi (ASEAN). Li kieku Malta ma' saritx membru tal-UE, il-pajjiż kien ikollu jinnegozja Ftehim ta' Kummerċ Ħieles individwali mal-pajjiżi kollha indikati hawn fuq bil-għan li l-imprenditur Malli jibqa' fuq l-istess livell ma' shabu mill-UE fejn jidhol access ghas-swieq barranin. Ovvjamnet dan kollu mhux biss ma kienx isehh imma ma jagħmilx sens.

Għalhekk wieħed mir-riżultati pożittiv u li kien mistenni mid-dħul ta' Malta fl-UE huwa l-pożizzjoni iżjed b'saħħitha tagħha fir-relazzjonijiet Kummerċjali ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE billi Malta ħadet fuqha l-arranġamenti kollha reċiproċi u dawk mhux reċiproċi ta' Kummerċ preferenzjali tal-Unjoni. Nerġgha intenni li qabel Malta issieħbet fl-UE ma kelliex politika Kummerċjali tagħha. Dawk li kienu msejjħin Ftehim Kummerċjali (Trade Agreements) li Malta ffirmat fis-sebgħinjiet, it-tmeninijet u d-disgħinijiet kienu konklużi minn turija ta' rieda politika u ma pprovdew l-ebda trattament preferenzjali.

Barra minn hekk, fix-xenarju ta' wara s-sħubija, l-industriji li jipproduċu għas-suq lokali setghu jibdew jimportaw il-materja prima taghhom bi prezzijiet orħos u bla dazju mhux biss mill-UE iżda wkoll minn pajjiżi terzi li magħhom l-UE ikkonkludiet arranġamenti kummerċjali reċiproki jew mhux reċiproki peress li l-industrji orientati għas-suq lokali ma kienux jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mid-dazju qabel l-ishubija. Fit-teorija dan il-fattur ghandu jnaqqas mill-ispejjez tal-produzzjoni.

Hawn sinjuri,  irrid infakkar lil imprendituri Maltin li s-sħubija ta' Malta fl-UE tinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura tat-teħid tad-deċiżjoni tal-politika kummerċjali tal-UE li illum saret ukoll il-politika kummercjali ta' Malta. Din il-politika kummercjali hija vasta u tkopri firxa wiesgha ta' suggetti. F'materja ta' politika kummerċjali, il-Kummissjoni Ewropea (KE), għandha kompetenza esklussiva fit-tmexxija tan-negozzjati ma' pajjiżi terzi, tressaq proposti lill-Kunsill, li mbagħad jaġixxi b'maġġoranza relattiva.

Il-Kummissjoni Ewropeja tmexxi n-negozjati kollha f'isem is-27 Stat Membru tal-UE fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Filwaqt li l-iStati membri jikkordinaw il-pożizzjoni tagħhom fi Brussell u Ġinevra, il-Kummissjoni Ewropea waħidha titkellem għall-UE kważi f'kull laqgħa tad-WTO. Fejn tidħol il-politika kummerċjali, ejjew nħarsu 'l quddiem għal konsultazzjoni akbar u aktar effettiva mas-settur privat u l-partijiet interessati sabiex l-interessi tan-negozjanti Maltin ikunu mħarsa u appoġġjati fid-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu. B'hekk l-imprenditur Malti jista jħoss verament li hu ukoll għandu vuci f'dawn id-decizzjonijiet.

Naraw sewg aspetti oħra ta' l-effett tas-sħubija fl-UE. Il-libertà ta' stabbiliment u l-forniment liberu ta' servizzi (*free movement of services*) huma żewġ prinċipji importanti ħafna tal-UE li jirregolaw is-suq wahdieni għas-servizzi. Dawn il-prinċipji jippermettu lill-imprenditur Malti jistabbilixxi negozju fil-pajjiż fejn is-servizzi tieghu jkunu offruti jew biex iforni servizzi trans-konfinali, lil pajjiżi oħra tal-UE, mingħajr m'hemm għalfejn ikollu stabbiliment hemmhekk.

Fejn jidħol l-akkwist pubbliku fl-UE (*Public Procurement*), kumpaniji bbażati f'Malta jistgħu b'mod liberu jitfgħu l-offerti tagħhom għall-kuntratti ta' awtoritrajiet pubbliċi f'pajjiżi oħra tal-UE.

L-awtoritajiet fl-UE jużaw proċeduri armonizzati u trasparenti għall-għażla tal-kuntratturi. L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa li ser insemmi aktar il-quddiem jippromwovi wkoll miżuri li jagħmilha eħfef għal negozji iżgħar biex ikunu jistgħu jitfgħu l-offerti tagħhom għal kuntratti pubbliċi bl-istess mod bħal kompetituri ikbar minnhom. Fl-interess tat-trasparenza, is-sejħiet kollha għall-offerti li jkunu ogħla mil-limiti rilevanti jridu jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE u jkunu aċċessibbli bla ħlas permezz tal-paġna elettronika *Tenders Electronic Daily* (TED). Kuntratti pubbliċi li jkunu taħt dawk il-limiti jiġu rregolati bir-regoli nazzjonali.

Huwa importanti ħafna li l-komunità tan-negozju Maltija, l-aktar l-intrapriżi żgħar u medji ikunu nfurmati bil-ftehim, l-arranġamenti tal-politika kummercjali u l-opportunitajiet ta' fondi li semmejt. Bla dubju wiehed mill-ostakli ewlenin li jxekkel l-inżvilupp tal-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji hu n-nuqqas ta' nformazzjoni kummerċjali f'waqtha u għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-iżviluppi kummerċjali internazzjonali. Fil-waqt li hawn informazzjoni xierqa dwar il-fondi tal-UE, il-kumpaniji Maltin ghadhom ma sfruttawx bizzejjed dawn l-opportunitajiet.

Is-sħubija fl-UE hija proċess ta' tagħlim kontinwu għal-impriżi Maltin u hekk aktar ma jgħaddi iż-żmien aktar jiffamiljarizzaw ruħom ma'dak kollu li toffri għalihom l-UE u aktar isubuha facli biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet kbar li toffrilhom. Hemm bżonn ta' ħafna iżjed biex tinkiseb kultura imprenditorjali ambizzjuża li hija kapaċi taħseb fuq livell internazzjonali, u li b'hekk tisfrutta opportunitajiet internazzjonali.

Fl-ewwel ħames snin ta' sħubija rajna tkabbir kemm tal-esportazzjoni u l-importazzjoni li kienet akbar minn dik fis-snin ta' qabel l-2004. Fl-ewwel sena wara s-sħubija fejn tidħol l-importazzjoni ix-xiri ta' oġġetti mill-konsumatur speċjalment minn stati membri tal-UE rajna żieda li qatt ma kienet reġistrata bħala qabel imma din eventwalment niżlet għal-livelli normali ta' qabel. In-tnaqqis fil-valur kemm tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' dawn l-aħħar xhur huma madankollu konsegwenza diretta tal-kriżi ekonomika globali u t-tnaqqis fid-domanda ta' oġġetti mill-konsumatur u mill-industrija.

Huwa diffiċli li wieħed ikun jaf fiċ-ċert sa kemm il-bidliet fl-istruttura tal-kummerċ barrani f'Malta kien riżultat dirett tas-sħubija u sa kemm b'konsegwenza tal-globalizzazzjoni progressiva tal-

ekonomija globali u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali. Fattur li jaffettwa dan, hija l-bidla fil-prassi tal-manifattura għal prodotti 'ta' *high value added*' u ta' kwalita' għolja u b'element qawwi ta' riċerka u svilupp u li sa għaxar snin ilu kienet karaterizzata minn prodotti b'valur miżjud inqas u b'produzzjoni fi kwantitajiet kbar.

Aktar minn 200 kumpanija nternazzjonali tal-manifattura u d-distribuzzjoni għandhom ċentru ta' operazzjoni f'Malta b'ħamsa minnhom jinvestu fi tkabbir sinifikanti mis-sħubija fl-UE. Dan l-investiment sar minn operaturi ewlenin f'suq partikolari u produtturi speċjalizzati fit-tecknoloġija għolja. B'kontribuzzjoni ta' madwar 17 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku (PGD) u b'aktar minn 30,000 impjegat is-settur tal-manifattura huwa komponent ewlieni fl-ekonomija Maltija li jammonta għal iżjed minn 85 fil-mija tal-produttivita' kummerċjali f'Malta.

It-titjib fil-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq li għadni kemm semmejt u li Malta assumiet bħala konsegwenza ewlenija tas-sħubija fl-UE kellhom ukoll effett indirett fuq l-attrazzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni għall-investiment. Is-sħubija fl-UE fil-verita' ippermettiet is-suq domestiku żgħir tagħna biex iwessa' id-daqs *de facto* tiegħu. Dan irriżulta f'influss akbar ta' Investiment Dirett. Diversi studji tal-UNCTAD jissuġerixxu li l-aċċess għas-swieq huma ġeneralment iddettati mill-investituri bħala waħda mill-iżjed objettivi ewlenin fl-istrateġija ta' tkabbir barrani tagħhom. Madankollu, biex ikunu għedna kollox, ta' min wieħed jgħid li dan il-vantaġġ huwa maqsum bejn is-27 pajjiż Membru imma m'hemmx dubju li sħubija fl-UE għamlet il-kundizzjonijiet biex isir in-negozju f'Malta aktar stabbli u reali u b'hekk Malta saret aktar attraenti ghall-kumpaniji barranin li jridu jinvestu f'Malta.

L-adozzjoni ta' l-Ewro fl-2008 kompliet issaħħaħ l-attrazzjoni ta' Malta bħala post għall-investiment. Il-World Investment Report 2008 tal-UNCTAD poġġa lil Malta fir-raba' post globalment għall-prestazzjoni fl-investiment intern. F'dawn l-aħħar snin rajna kumpaniji tal-farmaċewtika, tas-software, tal-e-business, kumpanija ewlenija tal-inġinerija tal-avjazzjoni, call centres, kumpaniji tal-e-gaming u finanzjarji, jiftħu f'Malta. Bla dubju, is-sistema tat-taxxa ta' Malta konformi ma' dik tal-UE, fejn kull taxxa tad-dħul imħallsa minn kumpanija hija mogħtija lura lil dawk direttament interessati fuq id-distribuzzjoni tal-profitti, kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-attrazzjoni ta' Investiment Dirett lejn il-pajjiż.

Is-sħubija poġġiet ukoll lil Malta f'pożizzjoni biex tieħu vantaġġ minn kumpaniji multinazzjonali li qabel kienu ttrasferew is-servizzi ta' għarfien u servizzi relatati lejn pajjiżi bi spejjeż baxxi, iżda li wara ikkunsidraw id-deċiżjonijiet tagħhom mill-ġdid hekk kif intebħu illi l-kwalità ġiet preġudikata. Eżempju dirett ta' dan huwa s-settur tal-*call centres*.

Il-prinċipju ta' moviment ħieles tal-oġġetti neħħa ħafna mill-ostakli fil-qasam ta' varjeta' kbira ta' prodotti, li jinkludu l-farmaċewtika, apparat mediku, kemikali, makkinarju elettroniku, makkinarju mekkaniku, komponenti tal-karozzi u ġugarelli li lkoll jidhru b'mod predominanti fost il-prodotti ewlenin esportati minn Malta. Dawn il-konsiderazzjonijiet, flimkien mal-ambjent legali favorevoli ta' Malta għal produtturi ġeneriċi tal-farmaċewtika attiraw numru ta' ismijiet internazzjonali ewlenin lejn Malta. L-esportazzjoni tal-farmaċewtiċi kienet ta' €167.8 miljun fl-2008 meta mqabbla ma' €27.2 biljun biss erba' snin qabel. Din l-industrija bħalissa timpjega 1,000 ruħ u n-numru mistenni jikber għal 1,500 fil-futur qrib.

Bla dubju, is-sħubija fl-UE kien żvilupp kruċjali għall-industrija Maltija tas-servizzi finanzjarji. Is-sħubija provdiet it-timbru tal-UE għal-leġiżlazzjoni finanzjarja ta' Malta. Prodotti u sevizzi finanzjarji illiċenzjati mill-MFSA jistgħu jiġu 'ippassaportati' f'kull pajjiż mis-26 membri tal-UE. L-ippassaportar inaqqas l-ispejjeż u l-burokrazija u jiftaħ is-swieq, filwaqt li jgħin biex tinżamm il-kunfidenza tal-investitur fi standards regolatorji għoljin. L-impjiegi fis-settur tas-servizzi finanzjarji żdiedu għal madwar 7,000 u din iċ-ċifra mistennija tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin.

Irrealizzajna wkoll li l-konformita ma l-istandards Ewropew, li qabel is-sħubija kienet meqjusa minn ħafna negozjanti bħala waħda mill-akbar thedidiet, issa kienet ikkonfermata bħala waħda mill-akbar opportunitajiet, mhux biss għan-negozjanti biex jesportaw l-oġġetti u s-servizzi tagħhom, imma speċjalment biex ikun attirat investiment fil-farmaċewtika, fil-manifattura *hi-tech*, il-finanzi u l-*i-gaming*. Dan wera li, kontra kull fehma popolari, li standards għoljin (f'diversi forom li jinkludi l-immaniġġjar tal-ambjent, is-saħħa, is-sigurta' u l-bqija) mhuwiex ta' deterrent għall-investiment, għall-kuntrarju dan iservi biex ikabbar l-attrazzjoni.

Inkorraġġita minn inizjattivi tal-gvern u titjib sħiħ fl-infrastruttura lokali tat-telekomunikazzjoni, matul dawn l-aħħar ħames snin, Malta imxiet bla tbatija fis-settur tat-teknoloġija tal-informatika. Is-sħubija ta' Malta fl-UE kellha definitivament impatt fuq id-deċiżjoni tat-TECOM biex twaqqaf SmartCity f'Malta li mistennija tkun il-bażi Ewropea għall-kumpaniji tal-ICT u l-medja globali li jridu jistabbilixxu preżenza fl-Ewropa kif ukoll fl-Afrika ta' Fuq.

Bla dubju fattur importanti ħafna li qiegħed jkabbar l-kapaċita' ta' Malta biex tattira Investiment Barrani hija l-kwalita' tal-ħaddiema tagħha. Dan jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq il-livell u l-kompożizzjoni tas-snajja, il-potenzjal għat-taħriġ u s-sistema edukattiva. Il-Korporazzjoni Maltija għall-Impjieg u t-Taħriġ (ETC) utilizzat b'suċċess fond tal-ESF biex topprmowvi t-taħriġ u x-xogħol għal firxa wiesgħa ta' nies li qed ifittxu x-xogħol. Il-fondi tal-UE għenu wkoll biex iġibu iżjed investiment fis-sistema vokazzjonali u akkademika tal-pajjiż biex ikun żgurat li din hija konformi mal-ħtiġijiet ta' ekonomija moderna u kapaċi tipproduċi professjonisti flessibbli u mħarrġa f'diversi hiliet.

L-aċċess għall-programmi ta' fondi u inizjattivi favur l-Intrapriżi Żgħar u Medji mill-UE matul dawn l-aħħar ħames snin kien bla dubju wieħed mill-effetti pożittivi li ħalliet is-sħubija. Dawn kienu strumentali biex iħajru nvestituri jifthu n-negozju tagħhom f'Malta. Hawn nixtieq nieħu l-opportunita' ngħid li jkun nkunu qed naraw biss sal-ponta ta' mnehirna jekk nassoċċjaw is-sħubija ta' Malta fl-UE esklussivament mal-fondi. L-isfida tibqa' kemm dawn il-fondi huma aċċessibbli għan-negozjanti u magħrufa lilhom b'mod li jinftiehem.

Hawn nixtieq insemmi il-programmi differenti amministrati mill-Malta Enterprise bħala l-entita' intermedjarja għall-skemi lill-Industrija taħt l-€20 miljun iffinanzjati mill-*European Regional Development Fund* (ERDF) 2007-2013. Dawn il-programmi jiffukkaw fuq il-kompetittivita' internazzjonali, twaqqif ta' negozji ġodda, l-innovazzjoni, l-ambjent l-*e-business*, u r-riċerka w l-Iżvilupp. Ir-rispons għall-applikazzjonijiet mill-SMEs għall-ewwel sejħa kienet waħda kbira. Fil-fatt il-Malta Enterprise irċeviet 212 applikazzjoni li minnhom 93 kienu aċċettati. Dawn il-kumpaniji ser jibbenefikaw minn assistenza li ser tammonta għal €6 miljun u sejħa oħra diga nfethet. Dawn l-inċentivi jiżdiedu mal-iskemi varji li l-Malta Enterprise tipprovdi għal investituri barranin u intrapriżi lokali u li huma kollha konformi mal-policies attwali ta' *State Aid* mill-UE.

Kienet is-sħubija fl-UE esperjenza pożittiva għall-intraprizi Maltin? L-isforzi kbar li saru swew għal xi ħaġa? Sinjuri, dawn il-mistoqsijiet huma fil-fatt kollha irrelevanti, għax l-imprendituri Maltin ma kellhomx għażla fejn tidħol il-globalizzazzjoni, l-istandards internazzjonali, il-mixja lejn kummerċ ħieles u l-internazzjonalizzazzjoni. L-ebda pajjiż ma jista' jibqa' lura milli jagħmel ir-riformi strutturali meħtiega fl-ekonomija. Anki kieku Malta għażlet tibqa' barra mill-UE, dawn it-bidliet xorta kien ikollhom isiru. Madankollu hemm differenza bejn l-isfidi li huma mposti fuqek minn barra u li Malta kien ikollha tiffaċċja waħedha u l-sfidi li Malta għażlet li tiffaċċja bl-għajnuna tal-UE. Din hija r-realta' u jeħtieġ li nkunu responsabbli biżżejjed biex naraw li dawk is-setturi li marru jew sejrin ħazin iqumu fuq saqajhom.

Rajna wkoll li l-aċċess għas-suq intern Ewropew kif ukoll għas-swieq ta' pajjiżi terzi, minnhom infushom ma jistgħux jaċċertaw dħul akbar ta' investiment barrani jew opportunitajiiet kummerċjali u lanqas ma jagħmluna aktar kompetittivi. Filwaqt li huwa minnu li s-sħubija offiritilna kundizzjionijiet aktar favorevoli u preferenzjali għall-kummerċ flimkien mal-għajnuniet meħtieġa, jiddependi mill-imprenditur Malti jqumx għall-isfidi kompetittivi tal-preżent permezz ta' effiċjenza akbar, livelli għola ta' produttivita' u prodotti mtejba ta' kwalita' biex ikunu sfruttati l-opportunitajiet li ġabet magħha l-UE.

Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni għandhom ikunu l-qofol tal-aġenda imprenditorjali. L-industrija m'għandhiex tħares lejn ir-riċerka, l-żvilupp u l-Innovazzjoni bħala spiża iżda bħala investiment. Bla dubju l-pass li bih jinbidlu l-affarijiet illum u r-ritmu kajman fl-ekonomija globali joffru sfida li n-negozji Maltin jeħtieġ jiffaċċjaw u eventwalment jegħlbu wkoll. Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f"Malta flimkien mal-Malta Business Bureau għamlu riċerka fuq 31 kumpanija Maltija li għamlu suċċess fl-UE u ħarġu minnu '*Business Success Stories*' interessanti ħafna. Din l-inizjattiva li kienet imfaħħra mill-Kummissjoni turi biċ-ċar li dawk l-intrapriżi li kienu 'pro-attivi' biex jisfruttaw l-opportunitajiet, ibbenefikaw bil-bosta mis-sħubija. Jeħtieġ li tinħoloq kultura intraprenditorjali ambizzjuża li tkun kapaċi taħseb fuq livell internazzjonali, u li b'hekk tisfrutta l-opportunitajiet li ġabet magħha l-UE kif ukoll dawk internazzjonali.

Fl-aħħar ma nistgħux ma nsemmux il-kriżi ekonomika globali li f'Malta qegħda kulma jmur tirrifletti fi tnaqqis sostanzjali fl-importazzjoni u l-esportazzjoni kif ukoll fi tnaqqis fil-konsum. L-adozzjoni ta' l-Ewro diġa' tatna ħajt ta' kenn li għamel tajjeb għal ħafna oqsma f'dawn l-aħħar xhur. Madankollu, Malta għandha ekonomija miftuħa ħafna u tiddependi kważi esklussivament minn fatturi esterni u mhemmx dubju li t-taqlib finanzjarju internazzjonali u r-riċessjoni dinjija ser ikomplu jaffetwaw negattivament l-ekonomija Maltija fix-xhur li gejjin.

Dejjem fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali fejn l-UE ippermettiet laxkar temporanju fir-regoli tal-*iState Aid*, erba' kumpaniji Maltin li kienu affettwati b'mod ħażin minħabba l-kriżi finanzjarja bbenefikaw minn għajnuna finanzjarja ta' €3.7 miljuni. Sadanittant il-Gvern qiegħed  jintensifika l-ħidma tiegħu f'dan ir-rigward billi jsegwi aktar mill-qrib dak li qed jiġri fl-industrija, partikolarment fil-qasam tal-manifattura li hu l-aktar settur li qed jiġi milqut internazzjonalment minn din il-kriżi. Minn ikun b'saħħtu llum u jkun kapaċi jilqa' għall-mewġ li qed iħabbat billi jieħu d-deċiżjonijiet strateġiċi se jkun minn ta' quddiem biex jaħsad il-frott meta d-dinja tirkupra mir-riċessjoni.

Irrid insemmi ukoll li f'Diċembru tal-2008 fil-Kunsill tal-Ministri tal-Industrija tal-UE approva l-'*Ismall Business Act*' li iġġib magħha pjan ta' azzjoni  biex ittaffi l-effetti mmedjati tal-kriżi ekonomika preżenti."*Think Small First – A Small Business Act for Europe*" tpoġġi għaxar prinċipji u 92 miżura li permezz tagħhom, l-intrapriżi żgħar u medji għandhom igawdu minn aċċess aħjar għal finanzjament u jitħaffilhom ix-xogħol amministrattiv filwaqt li jgħinhom jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-opportunitajiet offruti mis-swieq Ewropej u dawk internazzjonali.

Sinjuri, l-ġimgħa d-dieħla ser ikollna l-unur u il-privileġġ li jkollna fostna l-Barunessa Catherine Ashton li hija l-Kummissarju responsabbli mill-Kummerċ tal-UE. Nistieden lill-imprendituri Maltin biex jattendu għal konsultazzjoni pubblika li ser tigi organizzata. Il-Kummissarju għadha kemm niediet pjan ta' azzjoni biex tgħin l-imprendituri fl-Ewropa biex joħorġu mill-kriżi ekonomika preżenti. Il-kummerċ u l-investiment huma parti kritika mis-soluzzjoni ta' din il-kriżi daqskemm huma l-istimoli fiskali u finanzjarji. Il-Kummissarju Ashton issostni li huwa mportanti li nibqgħu mexjin lejn il-liberalizazzjoni tal-kummerċ kemm fl-UE kif ukoll fl-isfond mulitaterali fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)  u ma nerġgħux nirritornaw għal tendenzi

protezzjonisti. Prijorità oħra tal-Kummissarju Ashton hija li tkompli tiffaċilita' il-mod ta' kif joperaw l-ażjendi żgħar u medji fl-UE billi l-imprenditur jerġa' jsib għad-dispożizzjoni tiegħu l-finanzjament meħtieġ għall-kummerċ u għall- proġetti ta' investiment.

Il-Kummissarju Ashton qiegħda wkoll tistinka fix-xogħol tagħha biex tinkoraġġixxi iżjed attività kummerċjali ma' pajjiżi terzi. Fil-fatt, bħalissa għaddejjin diskussjonijiet fuq livell għoli maċ-Ċina. Bħalissa ċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE wara l-Istati Uniti. Ser jibdew ukoll negozjati biex ikun iffirmat ftehim ġdid kummerċjali mal-Kanada. Dan il-ftehim ambizzjuż huwa maħsub li jkopri d-diversi oqsma tal-manifattura u s-servizzi kif ukoll l-investiment. Il-Kummissjoni għadha kemm għamlet ghad-dispożizzjoni tal-kumpaniji Ewropej kwestjonarju komprensiv fuq dan il-ftehim skedat u nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ lill-imprendituri Maltin biex jidħlu fis-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea u jniżżlu kopja ta' dan il-kwestjonarju jimlewh u jibgħatuh lill-Kummissjoni sas-6 ta' Lulju li ġej. Huwa b'dan il-mod li l-imprenduri Malti iħossuhom parti minn din il-politika Ewropea tal-Kummerċ billi jidentifikaw il-prijoritajiet u id-diffikultajiet tagħhom biex imbagħad ikunu jistgħu jiġu kkonsidrati flimkien ma' dawk tas-26 pajjiż l-ieħor ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Sinjuri, grazzi ta' l-attenzjoni tagħkom.